## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2001

Citazzjoni numru 626/97 AJM

Kawza numru

International Trading Company Limited

Vs

Improved Design Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta' Marzu 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta merkanzija minnha ordnata; illi l-bilanc ta' prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghall-elf erba' mija disgha u sittin lira maltin u disgha u tmenin centezimu (LM1469.89); illi avolja interpellata diversi drabi biex thallas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1997 is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u skadut kif is-socjeta' attrici tikkonerfma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'

Malta u fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' LM1,469.89 prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata;
2. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-interessi legali u l-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 1997 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 1157/97 kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat Rat id-digriet taghha tad-9 ta' April 1997 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta' April 1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.
2. Illi s-socjeta' esponenti ma ghandhiex taghti l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici billi qatt ma xtratt numru ta' oggetti fil-valur komplessiv indikat mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni odjerna.
3. Illi kwalsiasi ammont talvolta dovut lis-socjeta' attrici gie pacut ma' somom ohra u akbar dovuti mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' esponenti, kif jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tad-dokumenti ezebiti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici bhala fornitrici ta' 'electrical goods' qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallasha s-somma indikata fic-citazzjoni bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess s-socjeta' konvenuta u dana skond diversi invoices li gew ezebiti.

Is-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok eccepiet il-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16, izda wara li nstemghu l-provi din l-eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 1998.

L-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' konvenuta jikkoncernaw fl-ewwel lok l-quantum billi qed jinghad li l-ammont huwa eccessiv billi qatt xtrat oggetti f'dak l-ammont. Is-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova f'dan ir-rigward izda jidher mill-provi li din l-eccezzjoni hija fondata fis-sens li fit-talba attrici ghalkemm is-somma ta' LM1469.89 hija indikata bhala prezz ta' merkanzija jirrizulta mid-dokument 'B' anness mac-citazzjoni kif ukoll mix-xhieda ta' Jacqueline Higgans li dan l-ammont kien jikkomprendi s-somma ta' LM342.63 rappresentanti imghax fuq il-kapital dovut komputat bit-8 fil-mija fuq kull ammont rappresentat fid-diversi invoices minn xahar wara il-bejgh. Illi ghalhekk it-talba attrici trid tigi ridotta ghas-somma ta' elf mija u ghoxrin lira maltin sitta u ghoxrin centezimu (LM1127.26) bhala kapital u l-bilanc

bhala imghax sad-data tal-ittra ufficjali. Dan ghandu jsir billi ukoll hemm talba ghall-imghax liema imghax ulterjuri jista' jinghata biss fuq il-kapital mid-data tal-interpellazzjoni billi ma jikkonkorrux l-elementi preskritti fl-artikolu 1142 tal-Kap 16 billi kifjidher mid-dokument A (fol 5 tal-process) l-interpellazzjoni kien fir-rigward ta' *kapital* u mhux imghaxijiet ghalkemm din saret erroneament.

Fit-tieni lok qed tigi eccepita t-tpacija billi s-socjeta' konvenuta tghid li hija dovuta mis-socjeta' attrici ammont akbar minn dak mitlub minnha fic-citazzjoni odjerna. Dwar din l-eccezzjoni saret talba ghas-soprasessjoni sew verbalment waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2000, kif ukoll permezz ta' rikors pprezentat fil-15 ta' Mejju 2001. Fiz-zewg okkazzjonijiet s-socjeta' attrici rrezistit din it-talba billi ma kienx hemm l-elementi tat-tpacija. Dwar dan din il-Qorti tipprovdi billi tichad din it-talba stante li, kif jidher mir-rikors innifsu tal-konvenut, ghalkemm huwa minnu li hemm proceduri pendenti fl-ismijiet inversi dwar kreditu reklamat mis-socjeta' konvenuta, ma jidhirx li hemm la sentenza u lanqas qbil li xi ammont huwa dovut. Infatti hemm appell pendenti dwar dan il-kreditu.

Illi mil-provi prodotti mis-socjeta' attrici jirrizulta l-kreditu dovut lilha hlief kif gie spejgat aktar-il fuq u ghalhekk din il-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress li din giet irtirata, tipprovdi dwar tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija disgha u sittin liri maltin disgha u tmenin centezimu (LM1469.89) dovuta kwantu ghal LM1127.26 bhala prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta' konvenuta u kwantu ghal bilanc bhala imghax komputat sat-28 ta' Frar 1997 u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas ukoll imghaxijiet

ulterjuri fuq il-kapital ta’ LM1127.26 b’effett mill-1 ta’ Marzu 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri